# L-importanza taż-Żgħażagħ f'Għaqda Mużikali

Clayton Bartolo

Għaqda mużikali hija għaqda ħajja. Mhumiex l-instrumenti jew il-partituri tal-mużika li jagħmlu l-għaqda dik li hi, iżda l-mużiċisti li jiffurmawha. U għalhekk wieħed malajr jasal għall-konklużjoni kemm huma importanti l-membri tal-għaqda mużikali għax dawn huma n-nifs li litteralment għandha bżonn l-għaqda mużikali biex taqdi l-funzjonijiet tagħha.

Iż-żgħażagħ għandu jkollhom post prominenti fi kwalunkwe għaqda mużikali għal diversi raġunijiet. L-enerġija li għandhom iż-żgħażagħ għandha tissawwar u tkun iggwidata mill-Kumitat tal-Għaqda sabiex tkun sfruttata bl-aħjar mod possibbli. Id-diversi ideat ġodda li joħorġu bihom iż-żgħażagħ ta' min jagħtihom widen, jikkunsidrahom u jimplimentahom b'mod sostenibbli fi ħdan l-għaqda mużikali.

Iż-żgħażagħ ma jibżgħux imorru lil hinn minn dik li hi meqjusa bħala l-isfera kulturali normali ta' għaqda mużikali. Matul dawn l-aħħar xhur, fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial rajna diversi esebizzjonijiet u inizjattivi ġodda li ttieħdu miż-żgħażagħ ħabrieka fi ħdan din l-għaqda. Dawn kienu inizjattivi li mhumiex neċessarjament assoċjati m'għaqda mużikali, madankollu huma inizjattivi li komplew jagħtu l-ħajja lis-sede tal-għaqda b'mod differenti u vibranti. Esebizzjonijiet bħal dawn ikomplu jwessgħu l-għarfien kulturali tal-membri li jiffrekwentaw is-sede tal-għaqda, u dan bl-għan li jikber l-apprezzament lejn ix-xogħol u t-talent li jkun qiegħed jiġi esebit.

Iż-żgħażagħ għandhom jitrawmu wkoll għal raġuni oħra ferm importanti. Il-membri u l-mużiċisti tal-għaqda mhumiex eterni u għalhekk hawn jidħol ir-rwol tant importanti taż-żgħażagħ. Għalkemm iż-żgħażagħ fil-preżent għandhom irwol importanti x'jilagħbu, wieħed irid jaħseb għall-futur. Għandu jkun hemm sezzjoni ta' żgħażagħ li iktar 'il quddiem tkun lesta li tieħu t-tmexxija tal-għaqda f'idejha sabiex l-għaqda tkompli tikber u tiġġedded.

Għaldaqstant, minn hawn hekk inħeġġeġ iktar żgħażagħ jersqu lejn l-Għaqda Mużikali Imperial sabiex jagħtu s-sehem tagħhom fi ħdan għaqda li qiegħda tirnexxi fuq diversi fronti differenti. Għaqda li hija ħajja, mimlija enerġija u fuq kollox kulturalment rikka. Wieħed m'għandux iqis l-involviment tiegħu f'għaqda mużikali bħala xi ħaġa tad-dwejjaq. Għall-kuntrarju, it-tagħlim tal-mużika jnissel fil-persuna sens ta' perfezzjoni u perseveranza. Dawn huma żewġ karatteristiċi li jseddqu l-karattru taż-żgħażagħ Melleħin, u li jiffurmaw ċittadini eżemplari u ħabrieka.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol tagħhom matul is-sena, nawgura lis-sezzjoni żgħażagħ sabiex ikomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Maria Bambina!


**The Veggie Truck**

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*

